MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2011

Rikors Numru. 663/2011

**Anthony Schembri f'ismu proprju u f'isem ommu Katarina Schembri flimkien ma' Joseph Grixti f'ismu proprju u f'isem Martu Josephine Grixti**

**vs**

**Mario Busuttil u Pawlu Busuttil u b'digriet tas-16 ta' Settembru 2011gew imnehhija l-kliem 'u Pawlu Busuttil'**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Mario Busuttil ghar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni mahrug minn din il-Qorti diversament preseduta fl-istess ismijiet numru 578/2011 degretat fit-18 ta' Mejju 2011.

Il-Qorti f'dak id-digriet kienet laqghet talba ta' Anthony Schembri et fejn ordnat li Mario Busuttil jieqaf milli jkompli jibni l-fond li jinsab bejn dak bl-isem Tik Tak u Joe Joyce fi Triq Nigret, Zurrieq proprjeta ta' Anthony Schembri et. Ir-raguni li nghatat biex jitwaqqaf ix-xoghol kien li xoghol ta' thammil u skavar u nbena basement u garage minn Mario Busuttil u illi dawn ix-xoghlijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti u ma nzammitx id-distanza rikjesta mill-ligi meta sar l-iskavar.

Il-Qorti wara li semghet lil partijiet u nnominat il-perit tekniku Mario Cassar li ghamel il-kostatazzjonijiet tieghu iddegretat favur Anthony Schembri et.

Jigi rilevat ghal precizjoni illi mandat ta' inibizzjoni hu rimedju provvizorju ta' natura eccezzjonali li ghandu jigi investit b'cirkospezzjoni iktar u iktar meta l-indagini hi wahda prima facie u l-kwistjoni fil-mertu ghadha mhix deciza. Bl-istess mod ghalkemm ma hemmx 'appell' minn digriet fejn jigi milqugh mandat,il-legislatur hass illi minhabba n-natura tal-mandat kif spjegat aktar il fuq, min ihossu aggravat b'digriet li bih jintlaqa' l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni jista' jinterpella l-Qorti ghar-revoka tieghu pero limitatament u esklussivament a bazi ta' dak li jelenka l-legislatur fl-artikolu 836 tal-Kapitolu 12.

Mario Busuttil qed jaghmel il-prezenti rikors ghar-revoka ta' dak id-digriet billi fl-ewwel lok jirrileva illi kien hemm vizzji procedurali fl-ewwel rikors ghal hrug tal-mandat li ghalkemm rilevati lill-Qorti ma gewx analizzati u decizi mill-istess Qorti.

Dawn il-vizzji jirreferu ghar-rappresentanza ta' Anthony Schembri f'isem ir-rikorrenti ommu Katarina li tghix f'Malta u r-rappresentaza ta' Joseph Grixti f'isem martu Josephine Grixti meta din ukoll tghix Malta. Hu jargumenta illi persuni residenti Malta ma jistghux jigu rappresentati f'atti gudizjarji li jsiru f'Malta u dan jirrendi l-proceduri maghmula nulli a bazi tal-artikolu 836(1)(b) fejn il-Qorti tista' tirrevoka mandat ta' inibizzjoni ghax hemm nuqqas ta' elementi legali necessarji ghalkemm ta' natura procedurali ghal hrug ta' mandat. Ir-rekwiziti procedurali

tal-ligi huma l-istess anki f’talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni u persuni li jghixu Malta ma jistghux jagixxu per prokura izda di proprio.

Din il-Qorti kienet taghti ragun lil Mario Busuttil li kieku l-mandat inhareg favur persuni li kienu qed jagixxu biss bhala mandatarji ghal persuni li jghixu Malta pero f’dan il-kaz kif gie verballizat mid-difensur legali ta’ Anthony Schembri et kemm Anthony Schembri u Joseph Grixti qed jagixxu f’isimhom proprju wkoll bhala sidien tal-fondi fuq kull naha tal-fond li fuqu hemm kontestazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li taghti ragun lil Mario Busuttil illi fil-konfront ta’ Katarina Schembri u Josephine Grixti l-mandat ta’ inibizzjoni ma kellux jinhareg xorta jibqa’ l-fatt illi hu validu fil-konfront ta’ Anthony Schembri u Joseph Grixti li bhala sidien ghalkemm in parte tal-fondi fuq kullnaha tal-fond in kontestazzjoni ghandhom kull dritt u interess li jagixxu biex jigi protett l-interess taghhom fl-istess proprjeta.

Mario Busuttil isostni ukoll illi ir-raguni ghaliex inhareg il-mandat cioe li jitwaqqaf ix-xoghol ta’ bini ghax ma nzammitx id-distanza legali ma ghadhiex tezisti anzi lanqas kienet tezisti meta sar ir-rikors ghal hrug tal-mandat billi l-iskavar, kif del resto jammettu Anthony Schembri et,u jirrizulta mir-rapport tal-perit tal-Qorti f’dawk l-atti, kien gia kompletat u ttella xi bini u ghalhekk a bazi tal-artikolu 836(1)(f) ic-cirkostanzi jaghmlu z-zamma fis-sehh tal-mandat irragonevoli jew ma ghadux necessarju jew gustifikat.

Din il-Qorti tqis li dan l-ilment hu gustifikat. L-iskop ta’ mandat ta’ inibizzjoni hu illi jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghal min jitlob il-hrug tal-mandat. F’dan il-kaz it-talba ghaz-zamma milli jitkompla x-xoghol hu bbazzat in parti fuq il-premessa cara li Mario Busuttil ma zammx id-distanzi necessarji. Pero dan hu argument ex post facto ghax ix-xoghol kien sar u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex u issa ma ghandhiex raguni ghalfejn izzomm persuna milli jaghmel dak li gia ghamel. Kien ikun differenti li kieku t-talba kienet impostata b’mod jew ghal ragunijiet differenti imma din il-Qorti f’dan l-istadju u

fil-parametri limitati li taghti l-ligi ghal hrug u revoka ta' mandat ta' inibizzjoni ma tistax tmur oltre dak gia mitlub u akkordat u dak mitlub f'din l-istanza. Ghalhekk in kwantu dan l-aggravju l-Qorti tqis illi Mario Busuttil ghandu ragun jitlob ir-revoka billi meta sar ir-rikors ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni dak li ntalab jigi mizmum kien gia sar. Tali principju gia hu assodat fil-gurisprudenza (ara **James Pearsall vs Maurice Zarb Adami** 23.07.2001RCP) u isegwi r-raguni logika tal-ligi. Ghalhekk iz-zamma fis-sehh tal-mandat ma ghandu ebda gustifikazzjoni almenu minn dak li jidher prima facie mill-atti taht skrutinju.

Anthony Schembri et pero ilmentaw fir-rikors ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni li l-bini li kien lahaq sar konsistenti f'bini ta basement u pjan terran ma sarx skond is-sengha u l-arti w anki fuq din il-bazi l-ewwel Qorti akkordat il-hrug tal-mandat. Pero meta wiehed jara l-atti tal-mandat 578/2011 isib il-kuntrarju billi l-perit tal-Qorti jikkonkludi li ghalkemm il-fondi adjacenti ghal bini li kien isir garrbu hsarat superficjali waqt l-izvilupp zied li ma hemmx indikazzjoni illi x-xoghlijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti. Kwindi bhala fatt Anthony Schembri et ma ghandhomx raguni prima facie jsostnu li l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kien necessarju biex jippreserva l-interessi u drittijiet taghhom b'tali mod li jekk ma jinharigx ma jkollhom ebda rimedju. La darba l-blat tqatta ma jistax jigi reintegrat pero d-drittijiet legali taghhom per kosegwenza w anki dawk naxxenti mill-hsarat sofferti baqghu mhux mittiefsa u ma jinnecessitawx il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghalihom, dejjem fl-ottika ta' dak li ntalab.

Ovvjament din l-indagini hi biss wahda prima facie u bl-ebda mod ma tinfluixxi fuq il-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet. Kull ma hu qed jigi investit u deciz f'dan l-istadju hu jekk iz-zamma fis-sehh tal-mandat ta' inibizzjoni ghadux necessarju jew gustifikabbli f'dan l-istadju minghajr ebda pregudizzju ghal partijiet fil-mertu tal-kwistjoni. Din il-Qorti thoss li l-fatti li rrizultaw fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 578/2011 ma jwasslux lil din il-Qorti li ghal finijiet ta' dak mitlub kien u/jew ghadu bzonnjuz, gustifikat jew necessarju.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi billi filwaqt li tiddikjara illi l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni 578/2011 favur Katarina Schembri u Josephine Grixti kien affett b'irritwalita procedurali billi ma setghux jaghtu prokura lil terzi fi proceduri gudizjarji meta huma jabitaw f'Malta u ghalhekk qed tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni 578/2011 fil-konfront taghhom a bazi tal-artikolu 836(1)(b), qed ukoll tilqa' t-talba ta' Mario Busuttil sabiex il-mandat ta' inibizzjoni 578/2011 jigi revokat ghal kollox anki fil-konfront ta' Anthony Schembri u Joseph Grixti a bazi tal-artikolu 836(1)(f) billi ma hux necessarju jew gustifikabbli fl-attwalita tas-sitwazzjoni.

Il-Qorti pero fic-cirkostanzi ma thossx li ghandu jigi applikat il-penali mitluba minn Mario Busuttil a terminu tal-artikolu 836(8).

L-ispejjez ibatuhom l-intimati ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------